**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 16 ta` Dicembru 2019**

**Kawza Nru. 1**
**Rikors Nru. 708/2019/JZM**

**Corinne Xuereb**
**(Karta tal-Identita`Numru 980148M)**

***u***

**l-Avukat Maria Louisa sive Lisa Abela [36174M)]**

***kontra***

**1. Ir-Registratur tal-Kumpanniji**

**2. Louis Padovani (Karta tal-Identita, Numru 455061M), fil-kwalita` tieghu bhala stralcjatarju tal-kumpannija Lizrarud Limited**

**3. Notary Public Joseph Tabone (Karta tal-Identita` Numru 0529555M)**

**Il-Qorti :**

**i. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors prezentat fis-<u>16 ta` Lulju 2019</u> li jaqra hekk :–

*1. Illi s-socjeta` Lizrarud Limited giet inkorporata f`Malta t-2 ta` Marzu 1992 mar-Registratur tal-Kumpaniji, bin-numru C13633 u li kellha l-ufficcju rregistrata `Gilda Court` No. 4, Trejqa A M Cassola, St. Andrews;*

*2. llli r-rikorrenti Corinne Xuereb u l-Avukat Lisa Abela kienu l-unici azzjonisti ta` din is-socjeta` Corinne Xuereb kienet l-azzjonista maggoritarja;*

*3. llli fil-25 ta` Lulju 2016, l-imsemmija socjeta` giet imhassra mir-Registratur tal-Kumpaniji (ara kopja tan-Notifika mahrug mir-Registratur tal-Kumpaniji hawn anness u mmarkat "Dokument A") u dan wara li tlesta l-process ta`stralc skont id-dispozizzjonijiet applikabbli ghal stralc volontarju tal-membri, skont l-Att dwar il-Kumpaniji u wara rizoluzzjoni tal-azzjonisti rikorrenti datata wiehed u tletin (31) ta` Lulju elfejn u hmistax (2015);*

*4. llli din is-socjeta`kellha zewg assi, u cioe`: (i) l-appartament internament immarkat numru tnax (12), li fforma parti minn blokk ta`erbatax-il appartament bl-isem "stanbridge Court" li huwa nnumerat esternament hamsa u ghoxrin (25), f`High Street, tas-Sliema ("l-**Appartament**") u (ii) il-parking space sottostanti fl-istess blokk ta` apartamenti mhux nnumerat (il-**parking space**), (ara il-pjanta hawn annessa u mmarkata "Dokument B");*

*5. Bi thejjija tal-process tal-liwkidazzjoni l-azzjonisti hadu decizjoni li l-assi tal-kumpanija jigu trasferiti lil Corinne Xuereb f` isimha personalment. Illi pemezz ta` att pubbliku fl-atti notarili tan-Nutar Joseph Tabone, tat-tlieta u ghoxrin (23) ta` Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015), is-socjeta` ttrasferiet u bieghet lir-rikorrenti Corinne Xuereb l-imsemmi Appartament biss (ara l-att pubbliku hawn anness u mmarkat "Dokument C") ghal prezz li kien jinkludi kemm l-*

*Appartament kif ukoll il-Parking space kif muri fir-rapport ta` valutazzjoni mahrug mill-perit Peter Brincat tas-27 ta` April 2015 (ara r-rapport ta`valutazzjoni hawn anness u mmarkat "Dokument D");*

*6. Sussegwentement, il-kumpannija giet xolta kif deskritt fil-paragrafu 5. L-azzjonisti kellhom l-impressjoni li l-assi kollha tal-kumpaniji kienu gew debitament trasferiti lil Corinne Xuereb. Gara illi Corinne Xuereb dahlet f` konvenju biex tbiegh kemm l-Appartament kif ukoll il-Parking Space. Madanakollu, waqt li kienu qed isiru r-ricerki, gie a konjizzjoni tar-rikorrenti illi, fil-fatt, il-Parking Space kien gie eskluz bi zvista (a) mill-att pubbliku fl-atti tan-Nutar Tabone u (b) fl-iskema tad-distribuzzjoni mill-istralcjarju fil-kors tal-istralc tal-kumpannija (ara l-iskema tad-distribuzzjoni hawn anness u mmarkat "Dokument E").*

*7. Jirrizulta ghalhekk li l-kumpanija, bi zvista, giet straljcjata, minghajr ma wiehed ha konjizzjoni ta` wiehed mill-assi ta` l-kumpannija.*

*8. Illi l-Artikolu 300A tal-Kap. 386 (Att Dwar il-Kumpaniji) tal-Ligijiet ta` Malta jipprovdi li :*

*"Meta fil-kors tal-istralc ta` kumpanija l-istralcjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpanija, u l-isem tal-kumpanija jkun thassar minn fuq ir-registru, kull persuna interessata tista` b`rikors, titlob lill-Qorti biex tordna r-rettifika tal-iskema ta` distribuzzjoni, u l-Qorti tista`, meta jidhrilha xieraq, tordna dik ir-rettifika taht dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa tordna dik ir-rettifika taht dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa."*

*9. Illi r-rikorrenti ghandhom interess illi l-iskema ta` distribuzzjoni tal-imsemmija socjeta` tigi rrettifikata ai termini tal-Artikolu 300A tal-Att Dwar il-Kumpaniji u dan sabiex id-drittijiet kollha li kellha din il-kumpanija fuq il-parking Space, ikunu jistghu jigu nkluzi fl-iskema ta`distribuzzjoni u sussegwentement tigi mqassma skont il-ligi, u vestita f`Corinne Xuereb kif kien originarjament intiz.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti qeghdin jitolbu bir-rispett illi dina r-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*i. tordna r-rettifika tal-iskema ta` distribuzzjoni ta`din il-kumpanija billi jigi nkluz fl-istess skema il-Parking Space deskritt f`dan ir-rikors fl-istess skema; u*

*ii. tordna l-istralcjarju sabiex ihejji skema ta` distribuzzjoni rettifikata li tinkludi l-Parking Space u li tali Parking Space jigi assenjat lil Coinne Xuereb; u*

*iii. tordna korrezzjoni tal-att pubbliku fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone, tat-tlieta u ghoxrin (23) ta` Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015), billi jigi nkluz fit-trasferiment mill-kumpanija lil Corinne Xuereb il-Parking Space.*

*U dan taht kull provvediment u dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet l-ohra li l-Qorti jidhrilha xierqa.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat Registratur tal-Kumpanniji fit-<u>18 ta` Settembru 2019</u> li taqra hekk :-

*Illi tali rikors kellu jigi mressaq ghal gudizzju quddiem dina l-Onorabbli Qorti fis-sezzjoni u fil-kompetenza taghha bhala Qorti Civili (Sezzjoni Kummerc). Dan kif huwa ddettat fl-Artikolu 5A li gie introdott fil-Kodici ta` organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta) permezz tar-Avviz Legali Nru 1 tal-2018. Dan billi jghid illi ghandhom jigu assenjati lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) rikorsi illi jaqghu taht il-kompetenza tal-Qorti Civili u li huma relatati ma` materji regolati mill-Att dwar il-Kumpaniji,*

*Illi, minghajr preguddizju ghas-suespost, in kwantu ghall-meriti fattwali tal-kawza peress illi l-esponent m`huwiex edott mill-fatti kollha kif dikjarati mir-rikkorenti huwa jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju ta` dina l-Onorabbli Qorti,*

*Illi fil-11 ta` Mejju 2015 giet ikkonsenjata lill-esponent ghar-registrazzjoni d-dokumentazzjoni relattiva ghal-stralc voluntarju tal-*

*membri sabiex il-kumpanija in kwistjoni tigi xolta. Tali dokumentazzjoni giet registrata fit-28 ta` Mejju 2015,*

*llli fis-6 ta`Awwissu 2015 intbaghtu ghar-registrazzjoni d-dokumentazzjoni ghal-istralc u l-kancellament tal-kumpanija de quo liema dokumenti gew registrati fid-9 ta` Settembru 2015,*

*llli fl-istess data l-istralcjarju baghat ghar-registrazzjoni prospett tal-laqgha generali tal-kumpanija, ir-rendikont u l-iskema ta` distribuzzjoni flimkien mar-rapport ta` l-awdituri ghall-approvazzjoni tal-azzjonisti tal-kumpanija. Dan skont l-Artikolu 274 tal-Att dwar il-Kumpaniji,*

*Illi skont l-Artikolu 401 tal-Att, fil-15 ta` Settembru 2015 l-esponent Registratur tal-Kumpaniji ppubblika l-avviz illi b`effett mit-tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-istess avviz, l-isem tal-kumpanija kellu jigi mhassar minn fuq ir-Registru,*

*llli billi l-esponent ma giex notifikat b`xi oggezzjoni ghal tali thassir fil-25 ta` Lulju 2016 huwa pubblika l-avviz illi b`effett mill-15 ta` Dicembru 2015 il-kumpanija kienet giet imhassra minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji,*

*llli fil-kawza odjerna r-rikorrenti qeghdin jitolbu lil dina l-Qorti sabiex tordna r-rettifika tal-iskema tad-distribuzzjoni tal-kumpanija. Dan sabiex l-istralcjarju jkun jista jhejji skema ta` distribuzzjoni illi tinktudi l-car space, liema assi ma kienx gie ikkalkulat mill-istralcjarju fil-process illi iwassal ghal-istralc u kancellament finali tal-kumpannija,*

*llli l-esponent mhuwiex qieghed jikkontesta l-possibilita` li terga` tinfetah mill-gdid l-iskema tad-distribuzzjoni tal-kumpanija jekk il-Qorti jidhrilha opportun u xieraq illi ghandha taghti tali rimedju fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, izda fl-istess hin l-esponent jirrileva illi dan ir-rimedju straordinarju ghandu jinghata biss ghar-ragunijiet ta` pratticita` u gustizzja,*

*llli l-esponent jixtieq umilment jissolleva illi tali rimedju m` ghandux jitqies bhala wiehed awtomatiku jew bhala xi mod komdu kif*

*wiehed ifejjaq kwalunkwe manifestazzjoni ta` traskuragni jew negligenza komessi matul l-process ta` stralc ta kumpanija,*

*llli l-esponent umilment jissolleva illi kwalunkwe ftuh mill-gdid tal-iskema ta` distribuzzjoni ghandu jsir limitatament u specifikament sabiex jitiehed in konsiderazzjoni u sabiex jigi inkluz l-assi illi ma kienx gie ikkalkolat fil-process tal-istralc. Dan sabiex jigi ssanata sitwazzjoni fejn assi li skont ir-rikors promotur, ma giex inkluz fl-istralc `b`zvista` u ghall-ebda skop iehor,*

*lllli kemm-il darba dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dan ir-rimedju straordinarju u eccezzjonali, l-esponent umilment jissolleva illi fis-sentenza ghandhom jigu stabbiliti l-perjodu u l-proceduri specifici u partikolari sabiex l-istralcjarju u l-membri tas-socjeta` in kwistjoni jikkonkludu l-passi kollha mehtiega sabiex jittiehed in konsiderrazzjoni l-assi li kien inqabez bi zvista sabiex tali assi ikun jista` jigi ntegrata fl-iskema tad-distribuzzjoni tas-socjeta`,*

*Illi r-Registratur tal-Kompaniji m`ghandux jinzamm responsabbli ghall-ebda spejjez gudizzjarji konnessi ma` dan il-kaz.*

Rat illi l-intimati Louis Padovani u Nutar Dr. Joseph Tabone ghalkemm notifikati bir-rikors promotur ghazlu li ma jipprezentawx risposta.

Rat illi l-procediment kien regolarizzat hekk kif il-kawza ghaddiet ghall-kompetenza ta` din il-qorti minflok il-Prim`Awla tal-Qorti Civili.

Semghet ix-xiehda tar-rikorrenti Corinne Xuereb fl-udjenza tas-26 ta` Novembru 2019.

Rat illi l-kawza thalliet ghal provvediment finali ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>L-Art 300A tal-Kap 386</u>

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

*(1) Meta fil-kors ta` l-istralc ta` kumpannija l-istralcjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpannija, u l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru, kull persuna interessata tista` b`rikors, titlob lill-Qorti biex tordna r-rettifika ta` l-iskema ta` distribuzzjoni, u l-Qorti tista`, meta jidhrilha xieraq, tordna dik ir-rettifika taht dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.*

*(2) Meta kumpannija tkun ghamlet distribuzzjoni lill-azzjonisti taghha skond skema ta` distribuzzjoni u l-isem ta` dik il-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru, kull kreditur li l-pretensjoni tieghu kontra l-kumpannija ma tkunx giet sodisfatta jista`, b`rikors, jaghmel talba ghal dak li hu dovut lilu minghand l-azzjonisti tal-kumpannija pro rata ghall-ammont li jkun ricevut mill-azzjonisti mad-distribuzzjoni, u l-Qorti tista`, meta tikkunsidra hekk xieraq, tordna li jsiru hlasijiet mill-azzjonisti lil dak il-kreditur taht dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa :*

*Izda f`ebda kaz ma ghandu azzjonist ikun mehtieg li jikkontribwixxi ghal ammont li jkun izjed minn dak ricevut minnu mad-distribuzzjoni.*

*(3) Ma jista` jsir ebda rikors taht dan l-artikolu wara li jghaddu hames snin mid-data li fiha l-isem tal-kumpannija jkun thassar mir-registru.*

Fis-sentenza li tat il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta` Jannar 2006 fil-kawza fl-ismijiet **"<u>Cassar Pullicino noe</u> <u>vs Ir-Registratur tas-Socjetajiet et</u>"** inghad hekk -

*... irid jigi assikurat li l-kaz ikun wiehed genwin sabiex ma jkunx hemm lok ghal abbuz jew ghal kolluzjoni bejn il-partijiet interessati. Azzjonisti ghandhom kemm ghandhom ishma ta` socjeta` m`ghandhomx jipprocedu ghal-likwidazzjoni u thassir ta` kumpannija b`leggerezza forsi anke bl-idea li jekk `il quddiem tinqala` l-htiega l-kumpannija tigi ravvivata. F`kaz ta` agir manifestament traskurat jew f`kaz ta` nuqqas ta` serjeta` da parti tal-azzjonisti, il-Qorti m`ghandhiex tkun hemm biex taghti rimedju ghan-nuqqasijiet ta` min kellu jagixxi mod iehor – salv dejjem f`kazijiet ta` pregudizzju ghal*

*terzi. Sakemm ma hemmx pregudizzju ghal terzi, darba kumpannija tigi mhassra minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji iridu jirrizultaw cirkostanzi genwini u eccezzjonali u mhux rizultat ta` semplici negligenza da parti tal-azzjonisti qabel ma kumpannija tigi ravvivata. Il-Qorti taqbel li r-rimedju m`ghandux jitqies bhala wiehed li jfejjaq kwalunkwe manifestazzjoni ta` traskuragni jew negligenza kommessi matul l-istralc ta` socjetajiet kummercjali.*

## III. <u>Fatti</u>

Il-fatti tal-kaz kienu dawn –

1) Fil-31 ta` Lulju 2015, l-azzjonisti kollha tal-kumpannija Lizrarud Limited, u cioe` z-zewg rikorrenti, approvaw unanimament risoluzzjoni fejn qablu li tigi xjolta l-kumpannija u li jinhatar l-intimat Louis Padovani bhala stralcjarju.

2) Wara li kienu konsenjati lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni d-dokumenti kollha rikjesti mil-ligi, u cioe` kemm dawk relattivi ghax-xoljiment volontarju tal-kumpannija mill-membri, u kif ukoll dawk tal-istalc, ir-Registratur tal-Kumpanniji ppubblika l-avviz rikjest mil-ligi li b`effett minn tliet xhur wara d-data tal-publikazzjoni ta` l-avviz, l-isem tal-kumpannija kien ser jithassar minn fuq ir-Registru.

3) Ma kien hemm l-ebda oggezzjoni ghat-thassir.

4) Il-kumpannija kienet imhassra minn fuq ir-Registru fil-25 ta` Lulju 2016.

5) Fil-paragrafi 4 et seq tar-rikors promotur hemm imfissra x`kien il-ftehim bejn l-azzjonisti dwar il-qasma tal-assi, kif kellu jsehh it-trasferiment favur ir-rikorrenti Corinne Xuereb, u il-ftehim kellu jkun rifless fl-iskema ta` distribuzzjoni.

6) Gara li meta kien ippubblikat il-kuntratt li bih l-assi tal-kumpannija kellhom jigu trasferiti favur l-istess rikorrent thalla barra

*parking space* (li kien jappartjeni lill-kumpannija) u li jigi taht blokk ta` appartamenti bl-isem "Stanbridge Court", 25 High Street, Sliema.

7) Dan il-fatt sar maghruf meta l-istess rikorrenti giet biex tittrasferixxi lil terzi l-assi li kienet kisbet mill-kumpannija u cioe` l-appartament 12 fil-blokk "Stanbridge Court" u l-*parking space*.

8) Ir-rikorrenti jikkwalifikaw bhala "persuni interessati" skont l-Art 300A(1) tal-Kap 386 sabiex tkun promossa l-procedura odjerna.

9) It-talba kienet prezentata fit-terminu ta` hames snin kif previst mill-Art 300A(5) tal-Kap 386.

## IV. <u>Risultanzi</u>

Din il-Qorti trid tghid li l-procedura skont l-Art 300A tal-Kap 386 hija ta` natura eccezzjonali u hekk ghandha tibqa` titqies. It-talbiet li jitressqu b`din il-procedura m`ghandhomx jintlaqghu jekk mhux ghal ragunijiet eccezzjonali. Propju ghaliex il-procedura mhijiex intiza semplicement sabiex jinstab rimedju ghal zbalji jew nuqqasijiet ohra fil-konduzzjoni tal-procedura ta` stralc ta` kumpannija.

Premess dan in linea ta` principju, il-Qorti jidhrilha gust u xieraq li tosserva, anke wara li qieset id-deposizzjoni tar-rikorrenti Corinne Xuereb, li ghal li gara m`ghandux jigi attribwit nuqqas lill-"persuni nteressati" li mexxew bl-azzjoni odjerna.

Jidher evidenti mir-risposta li pprezenta li r-Registratur tal-Kumpanniji li b`sens ta` responsabilita` qieghed jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta` l-Qorti kull konsiderazzjoni dwar jekk fuq l-iskorta tal-provi li tressqu ghandhiex takkorda t-talbiet tar-rikorrenti.

Abbazi tar-rizultanzi, din il-Qorti hija sodisfatta bil-genwinita` tal-kaz odjern. Ghalkemm il-Qorti tirrikonoxxi li l-procedura kontemplata bl-Art 300A tal-Kap 386 ghandha tinghata l-importanza li timmerita, li jfisser li m`ghandhiex titqies b`leggerezza jew tittiehed *for granted,* fl-istess waqt bl-ghoti tal-provvediment li sejra taghti llum

hija assikurata li hadd mhu se jbati pregudizzju jekk tordna r-rettifika tal-iskema ta` distribuzzjoni stabbilita mill-istralcjarju.

Ghalhekk tghid li ghandu jkun hemm rettifika ta` l-iskema ta` distribuzzjoni billi l-istralcjarju ghandu jinkludi l-*parking space* (deskritt fir-rikors promotur u fid-dokumenti li kienu annessi) u li jigi taht il-blokk ta` appartamenti bl-isem "Stanbridge Court", 25 High Street, Sliema, liema *asset* ma kienx ittiehed in konsiderazzjoni fil-process illi wassal ghall-istralc finali tal-kumpannija. Fl-istess waqt tghid li ma tarax il-htiega li r-Registratur tal-Kumpanniji jerga` jqieghed l-isem tal-kumpannija fuq ir-Registru. Sejra pero` tiffissa termini ghar-rettifika tal-iskema ta` distribuzzjoni u ghall-presentata taghha lir-Registratur.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi hekk :–**

**Tilqa` l-ewwel talba, billi tordna r-rettifika ta` l-iskema ta` distribuzzjoni tal-kumpannija Lizrarud Limited (C13633) sabiex din tkun tinkludi l-*parking space* (deskritt fir-rikors promotur u fid-dokumenti li kienu annessi) u li jigi taht il-blokk ta` appartamenti bl-isem "Stanbridge Court", 25 High Street, Sliema, liema *asset* ma kienx ittiehed in konsiderazzjoni fil-kors tal-istralc tal-kumpannija Lizrarud Limited (C13633).**

**Tiddikjara li l-isem tal-kumpannija Lizrarud Limited (C13633) ma ghandux jerga` jitqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Tilqa` t-tieni talba b`dan illi qeghda tordna li l-procedura tar-rettifika ta` l-iskema ta` distribuzzjoni tal-kumpannija Lizrarud Limited (C13633) ghandha tkun finalizzata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi sa zmien perentorju ta` sitt (6) xhur mil-lum.**

**Tilqa` t-tielet talba.**

**Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez taghhom u dawk tal-intimat Registratur tal-Kumpanniji.**

**Tordna lill-intimati l-ohra sabiex ihallsu l-ispejjez taghhom.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**